KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**39/18**

**Minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (daħal 5.32 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużati:** | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier (rikoverat) |
| | Is-Sur Cleaven C Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:***

1. ***Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat: 35 (26/9/2012) u 36 (5/10/2012)***
2. ***Punti mqajma mill-minuti***
3. ***Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv***
4. ***Schedule of Payment***
5. ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***
6. ***Aġġornament***

Il-laqgħa bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku u l-Kunsillieri bdew b'talba.

**2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

2.1 Is-Sindku spjega li l-Laqgħa tal-Kunsill tas-26 t'Ottubru 2012 - (37/18), spiċċat bla kworum bħalma spiċċat bla kworum il-Laqgħa ta' wara, tal-5 ta' Novembru, 2012 (38/18). Għaldaqstant, minħabba lis-Sur Sultana kien ippropona li jibdew bit-tema numru 3 – dik tal-Ħatra ta' Segregarju Eżekuttiv u, għalhekk, kien ser jibda b'din it-tema u wara jkompli b'dak li ppropona s-Sur Anastasi, bix-*Schedule of Payment* u jkompli bil-Kommunikazzjoni tas-Sindku.

2.2 Is-Sur Anastasi beda jaqra r-Rapport tal-Bord tal-Ghażla għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku semma' min kienu l-Membri tal-Bord tal-Għażla: huwa bħala s-Sindku, l-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa u l-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa li għad li kien wiegħed lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Simon Cauchi—s-Segretarju tal-Bord indikat, li kien

ser jattendi baqa' m'attendiex. Is-Sindku semma' lis-Segretarju mexa mal-proċeduri stipulati fil-linji gwida għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u, li ffirmaw il-formoli : *Declaration – Conflict of Interest u Declaration Eligibility of Candidates*. Is-Sur Anastasi qara ir-rapport tas-*selection process* fejn qara li minn għoxrin (20) kandidat, dsatax (19) minnhom la kienu Segretarji Eżekuttivi ma' xi Kunsill Lokali u lanqas kienu kkwalifikati bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Iffirmaw ukoll, il-Formoli *PSC* 6 u 7 flimkien mas-*selection sheet* bil-kriterji tal-*PSC* u ma' żewġ kopji tar-riżultat bil-firem taċ-Ċermen u membru għax is-Sur Formosa baqa' m'attendiex. Is-Sur Anastasi informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Kandidata Louise-Anne Gusman ġiet l-ewwel (1) bi tlieta u tmenin (83%) fil-mija tal-marki. Il-Bord indikat mexa fuq dawk il-Kriterji tad-Dipartment tal-Gvern Lokali. Is-Sur Horace J. Anastasi rrimarka dwar ir-riżultat tas-Sinjura Louise-Anne Gusman :

| | |
|---|---|
| ***Work experience*** | ***21 %*** |
| ***Attitude*** | ***20 %*** |
| ***Professional skill u command of subject*** | ***22 %*** |
| ***Team Spirit*** | ***20 %*** |
| ***Total*** | ***83 %*** |

2.3 Hawnhekk is-Sindku talab biex japprovaw l-imsemmi Rapport.

2.4 F'dana l-istadju s-Sur Stephen Sultana talab biex isaqsi lis-Sindku dwar l-għażla tal-Bord u billi s-Sindku deherlu li kien diġa' spjegahom infurmah biex jekk jixtieq, jikteb lis-Segretarju Eżekutiv tal-Bord imsemmi.

2.5 Is-Sindku saħaq li jmorru għall-vot. Is-Sindku, s-Sur Anastasi, l-Viċi Sindku, s-Sur Briffa u l-Kunsilliera s-Sinj Mariella Micallef ivvutaw favur l-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillieri s-Sur Sultana u s-Sur Formosa vvotaw kontra.

2.6 Ir-Rapport tal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv kien approvat bi 3 voti kontra 2 u, għaldaqstant, r-Rapport kien approvat.

2.7 Il-Kunsill ser jippubblika fuq in-*notice board* tiegħu l-lista uffiċjali tar-riżultat fil-*format* li jinsab mehmuz bħala skeda H u li hija ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3 Schedule of Payment**

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li issa ser imorru għax-*Schedule of Payment*. Is-Sur Sultana oġġezzjona għax *Schedule of Payment* wara lix-*Schedule of Payment* kienet diġa' għaddiet. Is-Sur Sindku qal li s-Sur Sultana li kien qieghed *out of place*. Is-Sur Sultana beda jgħajjat li mhux ser jaċċetta x-*Schedule of Payment*.

3.2 Is-Sur Sultana baqa jgħid li l-Ħatra tas-Segretarju huwa proċess null u li huwa ser jxandar u ċċappas lis-Sindku mal-media. Is-Sur Sultana kompla joġġezzjona għax-*Schedule of Payment* u baqa' jgħajjat u jgħajjar li anki s-Segretarju qiegħed jgħaffeġġ. Is-Sindku reġa' ġibidlu l-attenzjoni li kien qiegħed *out of place* u li kien qiegħed jikser il-kodiċi kollha. Wara s-*Schedule of Payment* 282, u 283 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku, mill-Viċi Sindku s-Sur Briffa u mill-Kunsillier is-Sinj Micallef.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

### 4.1 L-Ark

4.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jinżammu taħdidiet bejnu, bejn is-Sindku ta' B'Kara u bejn il-Viċi Sindku tal-Kunsill ta' Santa Venera u, li huwa wkoll iċ-Ċermen tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys. Huwa kompla li l-proġett tal-ARK/ĦNEJJA ser ikun ikkappeġġjat mill-Ministru tar-Riżorsi u tal-Affarijiet Rurali u, l-Kunsill ta' Santa Venera, l-Kunsill ta' B'Kara u l-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys qablu li tinbena replika ta' Ark/Ħnejja, tal-Akwidott, tal-Wignacourt jew ta' Fleur de Lys. Huma qablu wkoll li mportanti li jaħdmu fuq dan il-proġett, liema proġett ikun maħdum bis-sengħa u mill-aktar fis possibbli ħalli jkun jista' jgawdih kulħadd. Is-Sur Anastasi semma' wkoll il-Kummissjoni ARK u rrakkomanda lill-Kunsillier Charles Camilleri bħala r-Rappreżentant tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Fil-fatt, talab għall-vot u staqsa min kien favur.

4.1.2 Hawnhekk qabeż is-Sur Stephen Sultana għax ried jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-ARK.

~~4.1.2~~
4.1.3 Is-Sur Anastasi qal li l-ewwel jgħaddi l-vot tar-Rappreżentant u wara jsiru l-osservazzjonijiet tas-Sur Sultana. Is-Sindku staqsa minn kien favur u hu, flimkien mas-Sur Briffa u s-Sinj Micallef ivvutaw favur. L-ASE saqsiet min kien kontra. Is-Sur Sultana qal li mhux ser jivvota għax ma kellux ċans jitkellem u baqa' jiddikkjara li mhux ser jivvota. Hawnhekk is-Sindku sostna li wara li huwa talab ghal-vot, ~~s-Sur Sultana qal li mhux ser jivvota.~~ s-Sur Sultana qal li huwa ma vvotax u s-Sindku sostna li kienet astensjoni. L-ASE kitbet li s-Sur Sultana ser jastjeni u hawn qabeż is-Sur Sultana u qal li huwa mhux ser jivvota u biex ma jitniżżilx li astjena. Is-Sindku informa lill-ASE li għandu jitniżżel jew favur, jew kontra jew astensjoni u, li f'dak il-każ għandu jitniżżel li astjena għax la kien favur u lanqas kontra. Hawn is-Sur Sultana qabel li jitniżżel kontra iżda, stqarr "imbagħad naraw". L-ASE staqsiet lis-Sur Formosa kif kien ser jivvota u huwa qal li kien ser jivvota kontra. Is-Sur Charles Camilleri ser ikun ir-Rappreżentant tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera fuq il-Kumitat tal-Ark, bi 3 favur u 2 kontra

4.1.4 Is-Sur Sultana talab lis-Sindku biex jgħidlu x'kienu l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill. Is-Sur Briffa talab permess lis-Sindku biex jitkellem hu għax kien involut. Is-Sindku qallu li seta' jitkellem bħala l-Viċi Sindku. Is-Sur Sultana ma riedx lis-Sur Briffa biex jitkellem iżda, ried bilfors, lis-Sur Anastasi. Is-Sur Briffa ċeda biex jwieġeb is-Sindku. Is-Sur Anastasi qal li kif jaf tajjeb is-Sur Sultana, meta kien hemm il-Każ tal-Proposta ta' Fleur de Lys *Gate*, Fleur de Lys *Roundabout*, B'Kara, li kien ippropona s-Sindku ta' B'Kara mal-MEPA u, li kien se jinstema' quddiem il-Bord tad-Deċiżjonijiet tal-MEPA, ħadd minn Santa Venera u l-ebda Vendrin ma mar joġġezzjona, u lis-Sindku biss mar joġġezzjona u hu biss kien l-*objector*. Is-Sur Sultana qal li ma kienx jaf meta kellu jissemma l-każ iżda s-Sindku wieġeb li ma kienx korrett għax huwa kien jaf biżżejjed li kienet fil-korrispondenza tal-Kunsill Lokali, kienet ippubblikata u għamlet żmien imwaħħla mal-arblu tal-Bandiera tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, ta' ħdejn ir-rawndebawt ta' Santa Venera u, twaħħlet ukoll fuq in-*Notice Board* ta' mal-Latrina tal-Kunsill u li din kienet xi ħaġa pubblika. Is-Sur Sultana qal lis-Sindku jagħmel kollox waħdu u li huwa ma kienx irċieva. Is-Sindku sostna lis-Sur Sultana kien jaf u kompla jispjega li quddiem il-Bord tad-Deċiżjonijiet tal-MEPA spjegalhom li la hu u lanqas il-Vendrini ma kienu kontra l-proġett iżda, kontra l-indirizz ta' kif ippropunut mis-Sur

Fenech Adami, s-Sindku ta' B'Kara. Is-Sur Anastasi kompla li saħaq u wera biċ-ċar lir-rawndebawt tinsab f'Santa Venera u mhux f'B'Kara. Is-Sindku stqarr li hu kien waħdu u min-naħa ta' B'Kara u Fleur de Lys kien hemm xi disgħa. Huwa kompla li dakinhar id-deċiżjoni ma ttiħditx minħabba l-argumenti sodi u raġunijiet validi li ppreżenta s-Sur Anastasi. Fil-fatt, il-Bord ma ħax deċiżjoni u stqarr li kien se jitlob parir lit-Taqsima Legali tal-MEPA. Wara xi ftit żmien il-MEPA ippubblikat il-proposta 'l ġdida mis-Sur Fenech Adami. Id-Differenza kienet fil-lokal biss, jiġifieri lir-rawndebawt kienet f'Santa Venera u mhux fi Fleur de Lys. Is-Sindku tenna li xorta reġa' oġġezzjona mal-Mepa għax ma nbidel xejn fej kien hemm Fleur de Lys *roundabout* u Fleur de Lys *gate*. Is-Sur Sultana staqsa jekk kienx hemm oġġezzjoni fuq il-konfini u s-Sindku reġa' rrimarka li bis-saħħa tiegħu biss, din l-konfini nbiddlet għal fuq Santa Venera. Fuq kumment li għadda l-Kunsillier Edwin Formosa s-Sur Anastasi qal li żgur lill-Konfini ma nbidilx bis-saħħa tas-Sur Formosa għax ma kienx attenda għal din il-laqgħa. Is-Sindku stqarr li ta' spiss is-Sur Formosa jgħid li ma jkunx jaf b'xi korrespondenza u li ma jkunx irċieva xi Aġenda Minuti jew xi materjal ieħor mill-Kunsill meta suppost jara l-*emails* u dejjem iġib xi skuża u jwaħħalf'xi Skrivan/a li ma nfurmawhx, meta fil-fatt, il-materjal ikun għandu. Is-Sindku qal li skont il-liġijiet tal-Kunsilli Lokali suppost li kull korrispondenza tintbagħat bl-email. Is-Sur Formosa qal li skont il-ligi dan il-materjal irid jasal għandu u, s-Sindku wieġeb li mhemmx xejn fil-liġi dwar lill-Kunsill irid joqgħod jibgħatlu fax u ma jwieġibx xorta waħda jew jgħid li ma rċieva xejn. Is-Sur Sultana reġa' staqsa lis-Sindku jekk għamilx oġġezzjona fuq l-isem. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li huwa oġġezzjona fuq l-isem u qal li l-MEPA xorta ħarġet il-permess u meta ndaga intgħaraf lill-MEPA setgħet tagħmel hekk. Is-Sindku qal li mhux għaqli lill-Kunsill joħroġ il-flus biex joġġezzjona. Is-Sur Sultana staqsa jekk €186 humiex flus ħdejn l-identita' tar-Raħal u s-Sindku wieġeb li l-identita' tar-Raħal kienet diġa' mirbuħa, bis-saħħa tiegħu u, li ma kienx għaqli li jintefqu flus għalxejn biex jintalab appell.

4.1.5 Is-Sur Sultana qal li jrid jipproponi li jsir l-appell u żied jgħid li irid jressaq proposta. Is-Sur Anastasi qal lill-Kunsillier Sultana biex ma jibqax ittellef l-andament tal-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa jidhirlu li l-Kunsill m'għandhux joġġezzjonja mal-MEPA. Żied jgħid li s-Sindku għandu appuntament mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar d-Devoluzzjoni tar-*Roundabout* u dwar l-isem li għandu jingħata l-ARK. Stqarr ukoll, li ltaqa' mas-Sindku ta' B'Kara u ċ-Chairman tal-Kumitat Amministrattiv u, iva, l-proġett kellu jsir malajr kemm jista' jkun u ser jsir taħt il-kappa tal-Ministru George Pullicino. Is-Sur Anastasi stqarr li minn xi pariri li ngħata l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera m'għandux dritt għall-Bank Guarantee li għamel il-BOV mal-MEPA minħabba li għadda ħafna żmien u dan seta kien attribwit għal xi *File* lis-Sur Sultana seta' kien jaf bih fi żmien li kien Sindku. Is-Sur Sultana qal li ma kellux il-*file* għax ta' qablu ma tagħhulux u s-Sur Anastasi wieġeb li jekk Sultana stqarr li qatt ma ra l-imsemmi *file* kif seta' jarah is-Sindku attwali. Is-Sur Sultana staqsa x'ser isir bil-Lm50, 000. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux ser jħallas xejn iżda, jekk ikun hemm il-bżonn ma kien fiha xejn li joħroġ xi ħaġa żgħira dment, li qed jaħdmu id f'id ma' B'Kara u li ser ikomplu jaħdmu biex jitlesta l-proġġett indikat. Is-Sindku xtaq jikkonkludi dina l-materja billi stqarr li l-MEPA bidlet id-deċiżjoni u mill-konfini f'B'Kara biddlithom għal f'Santa Venera u, ma kien lant li jintalab appell meta jidher li se jintilef. Is-Sindku kompla li t-tajjeb hu lid-diskussjonijiet huma avvanzati ħafna u r-riżultati jidhru nkoraġġanti. Is-Sur Sultana staqsa x'kien ħa jgib lejn il-Kunsill ta' Santa Venera. Is-Sindku irrisponda li l-konfini kienu se jibqgħu f'Santa Venera.

4.1.6 Hawnhekk is-Sur Sultana beda jgħajjat u tkellem mhux tajjeb u s-Sindku talbu biex jitkellem sew. Is-Sur Sultana ried iressaq proposta biex isir appell. Is-Sindku qal li l-appell

mhux ser jagħmluh. Is-Sur Sultana xorta waħda talab għal vot. Is-Sur Briffa staqsa x'inhi l-proposta u s-Sur Sultana qal li jrid li isir appell bħala *realised objectors.*

4.1.7 Is-Sur Briffa qal li bhala 3 entitajiet ingħalqu ħafna affarijiet u li mxew il-quddiem. Żied jgħid li l-konfini huma f'Santa Venera u qegħda imniżżla fil-permess tal-MEPA. Meta nħareġ il-permess fl-aħħar ġurnata reġgħet ittellgħet oġġezzjoni tal-isem li m'ghadhux ikun l-Ark ta' Fleur de Lys jew il-Bieb ta' Fleur de Lys. Il-MEPA mhux fl-interess tagħha li tbiddel l-ismijiet u meta jiġi lloncjat il-proġett sta għal min ser jagħmlu biex jirranġa l-isem. Bħalissa qed issir riċerka mir-riċerkaturi Imħallef Giovanni Bonello u mill-Perit storiku Edward Said. L-Imħallef Bonello sabu taħt 2 ismijiet u lis-Sur Briffa sar jaf dakinhar li kienet Ħnejja u mhux Ark. Żied jgħid li l-aħjar li jistennew li jsiru iżjed riċerki ħalli ikunu ċerti dwar l-isem. Skont is-Sur Briffa kieku jissemma il-proġett tal-Ark. Is-Sindku stqarr li anki hu kien jaf b'dawn ir-riċerki u, għalhekk importanti li jkomplu jsiru aktar diskussjonijiet.

4.1.8 Is-Sur Sultana qal li diskussjoni qatt ma tista' ssir meta għandek membri fil-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys u kliemhom dejjem kien li dak jissejjah Bieb ta' Fleur de Lys. Għalhekk qed iħoss li qed issir inġustizzja bħala rappreżentant ta' Santa Venera. Żied jgħid li jekk meta qiegħed fil-konfini tiegħu u jagħti 50000 lira Maltin, mhux sew li jinbena mingħajr ma siru diskussjonijiet xierqa mal-Kunsill. Żied jgħid li mhux qed iwaħħal fis-Sindku t'issa. Imma s-Sur Briffa qal li kien hemm diskussjonijiet u s-Sur Sultana qal li din bdiet fi zmien eks Sindku s-Sinj Elizabeth Vella u "li qed tippruvaw tixprunawlna l-isem u ġġibu li jissejjah Bieb ta' Fleur de Lys". Is-Sur Sultana qal lill-Viċi Sindku biex ta' Fleur de Lys joħorġu stqarrija bħala Kumitat Amministrativ li l-isem ma jkunx il-Bieb ta' fleur de Lys. Is-Sur Briffa rrimarka lill-permess kien "f'idejna u li qed isiru diskussjoni min-nies li semmejt hawn fuq biex inkunu ċerti li qed nisimgħu n-naħat kollha".

4.1.9 Is-Sur Briffa issuġġerixxa li fil-laqgħa li jmiss huwa jagħti *update* fiex wasslu t-taħdidiet imma, issa ser ikun hemm il-Kunsillier Charles Camilleri. Is-Sindku qal li is-Sur Camilleri aċċetta n-nomina.

4.1.10 Is-Sindku rrefera għall-ittre li mmejlja fl-4 ta' Settembru, 2012, fejn wera li kien favur l-iżvilupp tal-proġett tal-Ark ta' Wignacourt iżda, oġġezzjona għall-isem u, speċjalment għall-konfini li kienu f'B'Kara. Wara qara l-ittre fuq l-Ark tal-Akwidott bid-data 27 ta' Settembru, 2012 fejn kien hemm li l-MEPA bidlet il-konfini minn B'Kara għal Santa Venera iżda, mhux l-isem tal-Ark u tar-Roundabout u ta direttiva li jitqassmu lill-Kunsillieri kollha.

4.1.11 Is-Sur Sultana qal x'hemm iżomm lis-Sindku milli imur fuq l-appell. Hawnhekk is-Sindku spjega li l-Appell ma kienx loku u b'hekk kien se jittawwal ż-żmien biex tinbena r-replika tal-Ark.

4.1.12 Is-Sur Briffa spjega li mhux kompitu tal-MEPA li jinbidel l-isem. Dan ikkonfermah is-Sindku wkoll. Żied jgħid li ser jkollu laqgħat mad-Direttur, mas-Sur Fenech Adami, u mas-Sur Briffa. Is-Sur Anastasi rrimarka li hu diġa' wera biċ-ċar x'kien qed jitlob għall-Vendrini u assigura lill-Kunsillieri li se jibqa' jissielet biex iżomm lil Santa Venera u lill-Vendrini 'l fuq. Huwa kompla li avvanzaw sew u l-affarijiet li ma sarux qabel qed jsiru issa. Is-Sindku żied jgħid li applikaw ukoll għad-devoluzzjoni tar-rawndebawt ta' Santa Venera u li se jinżammu diskussjonijiet mad-Direttur tal-Gvern Lokali. Is-Sur Sultana qal li ir-rawndebawt waqgħet taħt it-Transport Malta minn meta ġie l-Papa. Is-Sur Sultana qal li tant hija tagħna li qed inħallsu d-dawl u l-ilma. Is-Sindku wieġeb li din l-informazzjoni kien ta fl-

laqgħa ta' qabel. Is-Sindku qal li l-kunsill talab għad-devoluzzjoni u qal li kull rawndebawt li hemm fit-Toroq Arterji huma mħarsa mit-TM.

4.1.13 Is-Sur Sultana xorta waħda xtaq li jipproponi li jsir appell. Is-Sindku qal li kien se jastjeni. L-ASE staqsiet min kien favur u s-Sur Sultana u s-Sur Formosa ivvutaw favur. L-ASE staqsiet min hemm kontra u s-Sinj Micallef astjeniet imma l-ASE ħasbet li kienet kontra. Is-Sur Briffa astjena. 3 astensjonijiet u 2 favur.

4.1.14 Is-Sur Sultana qal li għaddiet għax il-voti favur jirbħu. Is-Sur Sultana qal li jridu jappellaw imma, s-Sur Sindku qal li l-ASE trid tikteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex jingħata *ruling*. Is-Sur Sultana beda jgħajjat lid-deċiżjoni kienet li jmorru għall-appell u jridu jmorru għall-appell il-MEPA imma, s-Sur Anastasi sostna dak li irrimarka qabel, li l-ASE tikteb lid-Direttur għal direzzjoni.

## 4.2 Il-Ġieħ

4.2.1 L-ASE infurmat il-Kunsillieri li dawn n-nominazzonijiet kienu li nstabu fil-kaxxa meta kien niżel magħha l-Kunsillier Cleaven Bugeja fil-laqgħa tas-26 t'Ottubru 2012. L-ASE ippreżentat l-inveloppi magħluqa. Is-Sindku fetaħ in-nominazzjonijiet. Il-Persuni nnominati kienu: Rev Patri Robert Farrugia O. Carm u Chev Mario Coleiro.

4.2.2 Hawnhekk is-Sur Briffa talab biex jigi skużat ghas-6.05 ta' filgħaxija għax kellu mmur għax-xogħol.

4.2.3 Is-Sindku beda jaqra in-nominazzjonijiet u min kien innomina l-persuni għal-Ġieħ. Is-Sur Sultana staqsa jekk in-nies li nnominaw il-persuni għal-Ġieħ kienux irreġistrati fuq Santa Venera. Kemm is-Sindku, kif ukoll is-Sur Sultana kkonfermaw li l-persuni kienu kollha minn Santa Venera. Saret diskussjoni jekk jagħtux il-Ġieħ lit-tnejn li ġew innominati jew lill-wieħed biss. Is-Sur Formosa qal li kien hemm drabi meta taw il-Ġieħ lit-tnejn min-nies. Is-Sindku wieġeb li darba biss ġrat. Is-Sinj Micallef ippreferit li jagħtuh lil wieħed biss. Is-Sindku ukoll esprima li jippreferi li l-unur tal-Għoti tal-Ġieħ jingħata lill-wieħed biss għax ma jħossx li dan l-unur għandu jinqasam. Is-Sur Sultana xtaq li jeħduha t-tnejn. Is-Sindku spjega liż-żewġ persuni nnominati jixirqilhom dan l-unur iżda, wieħed biss għandu jeħodha u, talab għall-vot:

4.2.4 Is-Sindku vvota għall-Patri Robert Farrugia
Is-Sinj Micallef ivvotat għall-Patri Robert
Is-Sur Sultana ivvota għall-Patri Farrugia u Chev Mario Coleiro
Is-Sur Formosa ivvota għal Chev Mario Coleiro

Il-vot ġie 3 favur Patri Farrugia u 2 favur Chev Mario Coleiro. Il-Ġieħ se jingħata lil Patri Robert Farrugia O.Carm.

4.2.5 Il-persuni nnominati ser jiġu mistiedna biex jattendu għall-Ġieħ.

## 4.3 Misraħ Santa Venera

4.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri dwar it-Tender li jrid joħroġ dwar il-pavimentar ta' Misraħ Santa Venera. Is-Sindku qal li dwar dan kien diġa' ta spjegazzjoni fil-laqgħa preċedenti li, nfurma lill-Perit Audrey Testaferrata Denoto kienet bidlet il-direzzjoni tat-traffiku u li l-Istatwa ta' Santa Venera kellha tersaq fit-tarf, kważi faċċata ta' triq Dun Xand

Cortis. L-ASE staqsiet jekk jistgħux joħorgu t-tender li pprepara l-Perit għall-pavimentar ta' Misrah Santa Venera. Is-Sur Sultana staqsa min fejn ser jitħallas dan ix-xogħol. Is-Sindku rrisponda li dan ix-xogħol ser jitħallas mill-UIF. Is-Sur Sultana staqsa jekk il-Kunsill għandhux konferma li ser jingħataw l-flus. Is-Sindku qal li l-Perit applika mal-MEPA u li ħadd mhu ser imiss il-flus. Is-Sindku qal li dawn huma għal Santa Venera. Is-Sur Sultana beda jgħid li dawn jistgħu jibbenefikaw Kunsilli oħra imma s-Sindku sostna li dawn huma kollha għal Santa Venera. Jekk xi Ministru jew xi Għaqda fil-Lokal tkun se tagħmel xi proġett f'Santa Venera jkunu jistgħu jitolbu xi parti minnhom. Is-Sur Sultana qal li dan suppost huwa xogħol li sar qabel ma ħareġ it-tender.

4.3.2 L-ASE qrat l-ittre li rċieva l-Kunsill Lokali fil-15 t'Ottubru mill-MEPA bid-data 12 t'Ottubru, 2012 fejn l-ammont għal-Santa Venera mill-fondi tal-UIF kien ta' €140, 092.11. Is-Sur Sultana staqsa kemm ser jiġi l-proġett u s-Sindku qal li huwa kien diġa' ppreżenta kollox fl-laqgħa ta' qabel. Is-Sur Sultana staqsa jekk saritx l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li l-Perit diġa' kiteb lill-MEPA u li l-valur tal-proġett kien diġa' ġie diskuss u huwa mniżżel fil-minuti ta' laqgħa preċedenti. Is-Sur Sultana baqa' jsostni dwar l-importanza li dawn il-flus jiġu kkonfermati li huma għall-dan il-proġett biss u mhux għal xi proġetti ohra f'Santa Venera. Is-Sindku qal li huma jridu jiddeċiedu jekk joħorġux it-Tender jew le u xtaq li jekk il-Perit iġib il-konferma li l-proġett għadda mill-Bord tal-UIF, jkunu jistgħu joħorġu t-tender. Il-Kunsillieri qablu ma' dan.

## 5 Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat: 35 (26/9/2012) u 36 (5/10/2012)

***5.1 Korrezzjoni tal-Minuti 35/18***

5.1.2 Punt 2.3.1, linja 5 'jistgħux joħorġu' issir 'nistgħux noħorġu'.
5.1.3 Punt 2.6.11, titneħħa l-aħħar linja minn 'u jaraw' sa 'ħafna'.

5.2 Ma kienx hemm punti mressqa mill-minuti u l-minuti ġew approvati *nem con*.

***5.3 Korrezzjoni tal-Minuti 36/18***

5.3.1 Punt 5.3.2, linja 1, 'Kapillan' biex issir 'Kappillan' u linja 3, 'deċiżjoni fuqha' issir 'deċiża'.
5.3.2 In-numri tal-minuti '6.2.6 sa 6.2.12' isiru '6.2.5 sa 6.2.11'
5.3.3 Punt 6.2.5, Tender bin-numru 7 huwa rrepetut bħat-Tender bin-numru 1 u tneħħa. In-numri segwenti ġew irranġatiaw. Jiżdied punt numru 12: 'Kull tender ieħor eżistenti jew li għad irid joħroġ'.
5.3.4 Punt 7.1, linja 4 'imbad' issir 'imbagħad'.
5.3.5 Punt 11.1, linja 4 'icid' issir 'iżid' u 'ankella' titneħħa.

***5.4 Punti mressqa mill-minuti:***

5.4.1 Punt 4.2, Is-Sur Sultana qal li huwa reġa' ġie eskluż milli jiġi nfurmat fuq ser jiġri.
5.4.2 Punt 5.1.1, Is-Sur Sultana qal li ma jaqbilx li jkun għal sentejn. Is-Sindku qal li dak inhar kien telaq is-Sur Ronald Briffa u spiċċaw bla kworum. Is-Sindku spjega li hawnhekk kienu qed jitkellmu fuq it-tender u lis-Sur Muscat kiteb lill-Kunsill Lokali u kellu laqgħa mas-Sindku u mal-ASE. L-ASE qrat l-ittra tas-Sur Muscat u li minn €8152.80 ser iżid il-kirja għal €9003.25 fis-sena jiġifieri żieda ta' €2.33 kull jum. L-ASE għandha terġa' tibgħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għax s'issa għadhom ma ħadux risposta. Is-Sindku qal li huwa kien diġa' beda jara xi bini għall-Kunsill. Is-Sinj Micallef qalet li hija taqbel li terġa' tintbagħat *reminder* lid-Dipartiment u s-Sindku għandhu jinforma il-Kunsillieri kif jirċievi xi risposta.

5.4.3 Rigward id-Devoluzzjoni tal-art biswit il-Kunsill. L-ASE infurmat lill-Kunsillieri li kitbet lill-Ministeru tal-Ministru Jason Azzopardi u dawn qalulha li l-art hija tad-Dipartiment tal-Gvern. Imbagħad kitbet lid-Dipartment tal-Edukazzjoni u qalulha li m'għandhomx pjanta tal-art indikata. Fl-aħħar kitbet lill-MEPA sabiex jibagħatulha l-pjanta tal-art. L-Applikazzjoni għadha ma saritx peress li kienet għadha qed tistenna d-dokumenti meħtieġa. Is-Sur Sultana qal li qabel ma tagħmel l-applikazzjoni wieħed irid ikollu l-proġett ippjanat. Is-Sindku qal li huma kienu diġa' tkellmu fuq il-proġett u anka marru għand il-Perit. Żied jgħid li għalissa huma ħarġu t-tender.

5.4.4 Punt 5.3.2, Is-Sur Sultana jaqbel mas-Sur Camilleri biex jistiednu l-eks Kunsillieri. Huwa saħaq li hemm bżonn li jżidu n-numru tal-inviti. Is-Sindku qal li ser joħorġu 70 invit meta hemm ħafna spejjeż li 70 invit, jiġu 140 mistieden, wieħed irid iħallas l-iskroll u x-shield u il-pin tad-deheb tal-Ġieħ. Is-Sindku xtaq jistieden żewġ kantanti minn Santa Venera u l-ispejjeż se jiżdiedu u, l-fotografu. Saret diskussjoni fuq minn ser jigi mistieden u ġie approvat li l-Kunsill joħroġ 70 invit b'preferenza jagħtuha lill-eks Kunsillieri.

5.4.5 Punt 6.1.1, Is-Sur Sultana staqsa fuq Msida Road u qal li xi ħadd dawwar it-tabelli. Is-Sindku qal li huwa neħħa żewġ arbli bit-tabelli li kienu twaħħlu fi triq il-Fanali. Huwa nforma lill-Kunsillieri lit-tabelli li saru kienu saru mit-TM u mhux mill-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa ħa jiehu ħsieb dawn it-tabelli. Is-Sur Sultana staqsa għalfejn it-Triq għada mhijiex lesta u s-Sindku spjegalu li, l-kuntrattur qiegħed jistenna li jirċieva r-rizultati tat-testijiet tal-ilma.

5.4.6 Punt 6.2.2, Is-Sur Sultana staqsa liema klawsola mportanti kienet tneħħiet mit-Tender tal-*Contracts' Manager* ta' qabel. Is-Sindku qal li fit-Tender ta' qabel kienet tnehhiet il-klawsola tal-kwalifiki tal-*Contracts' Manager*. Is-Sindku spjega li fis-*specimen* tat-tender kien hemm imniżżel li jrid ikollu l-kwalifiki. Is-Sur Sultana qal li l-*Contracts Manager* li kellu l-Kunsill kellu kwalifiki. Is-Sindku wieġeb li hu ma jistax jgħid fuq il-kwalifiki tal-eks Contract Manager iżda, dwar li fil-Kundizzjonijiet ta' dak iż-żmien kienet imneħħija. Is-Sur Sultana qal li l-general conditions ma jimbidlux imma s-*specimen* tender jiddeċiedi fuqu l-Kunsill. Saret diskussjoni fuq kif suppost gew ifformulati t-tenders. Is-Sindku qal li huwa kien pprezenta t-tenders waqt laqgħa tal-Kunsill u kienu anki qrawhom waqt il-laqgħa meta is-Sur Sultana ma kienx preżenti.

5.4.7 Punt 6.2.3, Is-Sur Sultana rrimarka li l-Kuntratt kien ġie onorat kollu imma s-Sur Anastasi qabel ma dan. Is-Sindku ried jippreċiża li ma reġax inħareġ tender. Saret diskussjoni fuq il-kuntrattur tad-dawl. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li huwa ma aċċettax li jiġġedded il-kuntratt u kien kiteb lill-John O'Dea. Is-Sur Sultana qal li dan is-suġġett ma resaqx quddiem il-Kunsill, imma s-Sindku qal li kieku ma kienitx miktuba fil-minuti u fil-fatt reġa' qara l-minuta 6.2.3. Is-Sindku qal li kulħadd anki l-Kunsillieri qegħdin jirraportaw fuq il-lampi. Is-Sur Sultana qal li jekk il-kuntrattur qed jagħmel xogħlu, il-Med Developers mhux qed jagħmlu xogħolhom. Is-Sur Sultana staqsa għalfejn mhux qed joħorġulhom *default notices*. Is-Sindku qal lill-ASE li jekk mhux se jieħdu ħsieb l-ilmenti, hija għandha tavża lill-Med Developers li ser jibdew jirċievu *default notices*. Is-Sur Sultana enfasizza li d-*default notices* jintbagħatu minnufih imma, s-Sindku sostna li l-ewwel l-ASE tinforma l-Kuntrattur imbagħad jekk jibqgħu ma jagħmlux x-xogħol sew jintbgħatulhom d-*default notices*. Is-Sinj Micallef staqsiet kemm se jingħataw żmien. L-ASE qalet li jekk idumu ma jsewwu l-bozoz 5 ijiem, il-Perit joħroġ *default* u jnaqqsilhom parti mill-kont.

5.4.8 Punt 6.10, Is-Sur Sultana staqsa għalfejn inħarġu dawk it-tenders kollha. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu ħaddiem tal-IPSL li kien qed jaħdem fil-ġnien imma meta telaq, bilfors kellu jaħseb biex joħroġ tender tal-ġonna. Huwa semma l-fatt li huwa kien qed jagħmel ħafna mix-xogħol tal-*Contracts Manager* u li kien imur isaqqi kemm is-Sibt u l-Ħadd il-ġnien. Is-Sur Sultana xtaq spjegazzjoni kif il-ġonna huma mniżżla bħala Casa Leoni. Is-Sindku ta spjegazzjoni fuq l-ġonna ta' Casa Leoni li jinstabu kif tiħhol min-naħa ta' Triq it-Turetta sakemm tiġi għal fejn hemm in-naħal u s-santwarju tal-qtates u imbagħad jibda l-ġnien Romeo Romano. Is-Sindku semma li għaddiet mozzjoni minnu fuq Romeo Romano, ntbgħatet mill-Kunsill lil tal-Ismijiet tat-Toroq u m'approvawhiex.. Is-Sindku qal li skont xi storiċi l-ġnien suppost huwa De Vilhena Gardens.

5.4.9 Punt 6.3, Is-Sur Sultana staqsa kif il-Kunsill daħal għal spiża tas-CCTV meta l-ġnien għadu ma ġiex devolut. Is-Sindku spjega li waqt laqgħat is-Sur Sultana kien semma' li hemm bżonn tas-CCTV cameras u spjega il-fatt li ma jistax ikun li jibqa' ssir tkissir fil-ġnien. Huwa qal li meta sar ir-restawr tal-funtani, reġa' kien hemm xi żgħażagħ li marru jgħawġu l-ħadid ta' funtana minnhom. Is-Sur Sultana staqsa jekk ittieħdux 3 kwotazzjonijiet. Is-Sindku spjega li tal-Firetech kienet €1144, u tal-Alberta kienet hafna iżjed. Huwa qal li din hija l-ewwel fażi u spjega fejn qegħdin is-CCTV cameras. Is-Sinj Micallef staqsiet jekk jistgħux jagħmlu t-tabelli tal-cameras biex iservu bħala deterrent. Is-Sur Anastasi qal li peress il-ġnien huwa pubbliku, ma tistax tagħmel tabelli jekk ma jkunx hemm il-cameras f'dak il-post. Is-Sindku spjega li dawn għadhom mhux qed jaħdmu peress li għad irid jinxtara l-*cable* u jiġu konnettii mal-*modem* biex ikun jista jitrasmetti fuq il-PC tal-Kunsill.

5.5 Il-minuti ġew approvati *nem con*.

5.6 Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 26 ta' Novembru fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Illum, 28 ta' Diċembru 2012